# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. JOSEPH REFALO LL.D. Adv. Trib.Eccl. Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru, 2001.**

**Avviz numru : 10/2001GT(JR)**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Road Construction Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz presentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Marzu, 2000 fejn intalab il-hlas ta' mija erbgha u disghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm194.60), u fejn intqal:**

**Illi f'Racecourse Street, Xaghra, f'Gunju 1999 haddiema tal-konvenut, waqt li kienu qieghdin jaghmlu xi xoghol fl-imsemmija triq ikkawzaw hsarat lil cable prorjeta' tal-attur.**

**Dawn il-hsarat ikkagunati jammontaw ghal mija u erbgha u disghin liri maltin u sittin centezmu (Lm194.60).**

**Ghal din il-hsara ghandu jwiegeb il-konvenut li minkejja diversi nterpellazzjonijiet irrifjuta li jhallas.**

**Ghalhekk qieghed jitlob li l-kovenut ikun ikkundannat sabiex ihallas id-danni minnu sofferti.**

**Ra r-risposta ppresentata mis-socjeta' konvenuta fit-28 ta' Marzu, 2000 fejn gie eccepit:**

**Illi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-Maltacom p.l.c. stante illi l-hsara kkawzata fuq il-cable proprjeta' tal-kumpanija attrici giet ikkagunata tort tal-istess kumpanija attrici u tort ta' hadd aktar. Dan il-cable kien jinstab fil-wicc ta' triq u mhux midfun kif suppost u ma kien hemm xejn illi jindika l-posizzjoni tal-cable. Ghalkemm, il-konvenut jew il-haddiema tieghu qaghdu attenti biex ma jintlaqat l-ebda cable, ma setghu jaghmlu xejn biex jevitaw dan l-incident ghaliex il-cable ma kienx fejn suppost ikun u ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni dwar il-posizzjoni tal-cable.**

**Ghaldaqstant, il-konvenut ma hux responsabbli ghall-ebda hsara.**

**Semgha x-xhieda ta' Walter Mompalao , Carmel Mizzi Cefai, Ha konjizzjoni tac-cirkustanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Walter Mompalao, ghas-socjeta' attrici, ikkonferma li l-ammont mitlub huwa dovut. Skond l-istess xhud il-konvenut ma kienx mar dak in nhar li bdew ihaffru it-trinka, ghall-permess relattiv mis-socjeta' attrici. Jirrizulta mix-xhieda li il-konvenut kien mar wara li sehh l-incident.**

**2. Skond l-istess xhud lanqas ma irrizulta li kienu saru "pilot holes" fil-post fejn**
**saru x-xogholijiet.**

**3. Dana hu bazikament konfermat minn Carmel Mizzi Cefai li jikkonferma li l-applikazzjoni saret fl-istess data tal-incident. Jghid ukoll li ma kienx mar jimmarka peress li l-cable kien gja maqtugh.**

**Ghalhekk jirrizulta li l-hsara grat minhabba li s-socjeta' konvenuta ma kienetx hadet dawk il-prekawzjonijiet li suppost jittiehdu meta jsir xoghol simili. Ma ngiebet ebda prova dwar jekk il-cables kienux fil-wicc jew fil-fond, pero' dana il-fattur ftit li xejn seta jibdel l-istat ta' l-affarijiet gjaladarba is-socjeta' konvenuta lanqas ma kienet tablet li jigi mmarkat fejn kien hemm cables.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata t-tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija erbgha u disghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm194.60).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.**

**(ft) Joseph Refalo**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**